MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 105

8 ta' Jannar 2019

Minuti tas-seduta Nru. 105 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 8 ta' Jannar 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 104 tal-11 ta' Diċembru 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Faċilità ta' ħatt u tagħbija fi Triq in-Nases (T/3/2/Vol XV)

2.1.2. Saret referenza għal minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel fejn il-Kunsill iddeċieda li l-*Un/Loading Bay* li kien hemm fi Triq in-Nases tiġi trasferita għal Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq in-Nases. Is-Sindku qal li rriżulta li Transport Malta ddeċidiet unilateralment fuq l-istess linji wara li saret talba direttament lilha mill-operatur ta' Maypole Confectionery.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan qanqal ilmenti minn operaturi ta' negozji qrib il-Maypole Confectionery minħabba li l-ħatt u tagħbija ta' merkanzija ser joħloq inkonvenjent peress li din tiddaħħal u tinħareġ minn bieb li jinsab fi Triq in-Nases. L-istess operaturi lmentaw li dan jinvolvi l-użu ta' *forklifter,* li bl-arranġament il-ġdid ikollha tivversja fi triq ewlenija. Tennew illi l-ħatt u tagħbija ta' merkanzija jinvolvi perjodi qosra matul il-ġurnata u għalhekk ma jkunx

hemmx daqshekk inkonvenjent għall-operatur tal-ħanut "Il-Mitħna" jekk din il-faċilità terġa' ssir fejn kienet qabel.

2.1.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-uffiċjal/i minn Transport Malta nkarigat/i mit-traffiku.

**2.2.1. Andament tas-servizz dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli (K/6/11)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li aktar ma' jgħaddi ż-żmien, il-kuntrattur il-ġdid imqabbad minn Green MT Ltd qiegħed jaħdem b'mod sodisfaċenti, peress li dan qed jidra r-rotta. Minkejja dan, il-volum tal-iskart tant żdied, li jeħtieġ li jkun hemm it-tieni scammel li jaħdem simultanjament fuq rotta differenti sabiex il-ġbir jitlesta fil-ħin qabel il-ħin tal-għeluq tal-miżbla tal-Magħtab. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-istess kuntrattur li jagħmel din il-ġabra ġie nkarigat minn Green MT Ltd sabiex ibattal l-i*skips* li nġiebu minflok id-*domes*, fil-*bring-in site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

2.2.3. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill inkariga lis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Gauci, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono sabiex jirrevedu l-ftehim li ser jiskadi fil-31 ta' Jannar 2019.

2.2.4. Kien hemm qbil ukoll li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) għandu jiġi mistoqsi dwar jekk għandhiex issir sejħa ta' konċessjoni permezz tal-e-PPS, jew tkompli tiġi osservata l-proċedura segwita s'issa, li permezz tagħha l-iskemi awtorizzati jiġu mitluba jindikaw humiex lesti li jagħtu servizz skont ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Kunsill.

**2.3.1. Attivajiet tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill (K/6/11)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.2. tas-seduta ta' qabel u ppropona li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-artist is-Sur Twanny Darmanin u lis-Sinjuri Joseph u Frankie Bartolo għax-xogħol li huma għamlu fuq il-mafkar li jfakkar l-avveniment imsemmi hawn fuq.

2.3.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

**2.4.1. Studju Nazzjonali fuq il-Prevalenza tan-Nuqqas ta' Smigħ fost l-Adulti (M/8/Vol VI)**

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u fakkar li s-servizz tal-i*screening* mogħti mid-ditta OK Medical fil-Manikata fid-19 ta Diċembru bejn, id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar mis-Sala Parrokkjali, kien suċċess, tant li 25 persuna bbenefikaw minnu.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Ċimiterju Omm il-Ħniena (C/7)**

3.1.2. Il-Kunsillier J. Attard innota qal li x-xogħol illi attwalment għaddej fuq it-tħaffir u kostruzzjoni ta' oqbra ġodda fiċ-ċimiterju msemmi, waqt konferenza stampa li saret fuq il-post mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa – l-Prof. Chris Fearne – fit-3ta' Jannar 2019. Is-Sur J. Attard qal wieħed jittama li ż-żewġ kanċelli taċ-ċimiterju jinbidlu wkoll, peress li dawn iddeterjoraw.

3.1.3. Is-Sindku qal li x-xogħlijiet li għaddejjin jinvolvu 68 qabar li ser jiġu offruti għall-bejgħ, filwaqt li tmienja oħra ser jinżammu għall-komun. Iċ-ċimiterju ser ikollu total ta' 156 qabar. Is-Sur J Buttigieg ikkonferma li l-kanċelli ser ikunu parti mix-xogħol li għaddej.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 04/01/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 11/12/18 – 04/01/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Abbozz tal-Estimi 2019.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Ġnien iż-Żerniq (P/4/16/Vol IV)

5.1.2. Saret referenza għall-imejl datat 2 ta' Diċembru 2018 mibgħut mis-Sur Franco Costa, fejn talab li jitwaħħal *basket* għat-taħriġ tal-basketball fil-bitħa ta Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata. Huwa offra li dan isir minnu u għas-spejjeż tiegħu.

5.1.3. Il-Kunsill approva t-twaħħal tal-*basket* fil-post indikat fir-ritratt mehmuż mat-talba bla preġudizzju għal xi azzjoni li tista' tittieħed aktar 'il quddiem.

### 5.2.1. Inċident fi Triq Għajn Tuffieħa (D/5/Vol II)

5.2.2. Saret referenza għal talba mresqa mis-Sur Andrei Sciberras li kien involut f'inċident fit-triq imsemmija fis-17 ta' Diċembru 2018, fejn huwa rrappurtat li ġarrab ħsara f'żewġ *tyres* tal-vettura tiegħu tat-tip BMW numru tar-reġistrazzjoni DBU 283. L-inċident ġara wara li għadda fuq ħofra li kien hemm fit-tarmak qrib l-istabbiliment Jardinland, li jinsab bejn it-triq tal-Miżieb u Triq Għerien il-Ħida. Dwar l-istess inċident ġie ppreżentat rapport tal-Pulizija, kif ukoll kont li jammonta għal €230. Intalbu ukoll ir-riċevuti tal-ammont imħallas sabiex inbidlu t-*tyres*, kif ukoll ir-riċevuta mogħtija mill-operatur li rmonka l-vettura minn fuq il-post. Sad-data tas-seduta kienu għadhom ma ġewx mgħoddija. Ġie verifikat li l-imsemmija ħofra fil-fatt eżistiet u ġiet irranġata minnufih.

5.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitħallsu d-danni sofferti, kemm-il darba jiġu sottomessi d-dokumenti nieqsa.

### 5.3.1. Inċident fi Triq il-Wilġa (D/5/Vol II)

5.3.2. Saret referenza għal talba mressqa mis-Sur David Balzan li kien involut f'inċident fit-triq imsemmija fit-22 ta' Frar 2018, fejn huwa rrappurtat li ġarrab ħsara f'wieħed mit-*tyres* tal-vettura tiegħu tat-tip Ford Focus, numru tar-reġistrazzjoni SLY 007. L-inċident ġara wara li għadda minn fuq ħofra li kien hemm fit-tarmak. Dwar l-istess inċident ġie ppreżentat rapport tal-Pulizija, kif ukoll kont fiskali li jammonta għal €133.90. Riċevuta tas-servizz tal-irmonk ma kienx hemm peress li s-Sur Balzan bidel ir-rota huwa stess biex seta jitlaq minn fuq il-post. Ġie verifikat li l-imsemmija ħofra fil-fatt eżistiet u ġiet irranġata minnufih.

5.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitħallsu d-danni sofferti wara li ra d-dokumentazzjoni sottomessa.

### 5.4.1. *Speed hump* fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XV)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Diċembru 2018 mibgħut minn Ms Odette Gatt sabiex issir *speed hump* quddiem ir-residenza Nru. 22, Triq Għajn Żejtuna. Inġibdet l-attenzjoni li fis-Seduta Nru. 56 tal-24 ta' Mejju 2019, il-Kunsill ma kienx qabel li jsiru *speed humps* fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna, peress li diġa ttieħdu miżuri biex jitnaqqas il-periklu, permezz ta' mera li saret faċċata ta' *drive-in*, *rumble strips*, kif ukoll saru tabelli li jindikaw kurva perikoluża.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinżamm l-arranġamenti eżistenti.

### 5.5.1. Wirjiet piroteknići minn proprjetà tal-Knisja (F/2/Vol VII)

5.5.2. Saret referenza għall-ittra datata 4 ta' Jannar 2019, mibgħuta mill-Eċċ. Tiegħu Mons. J. Galea Curmi – l-Isqof Awżiljarju - bi tweġiba għall-ittra tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2018, fejn ġie propost li l-Kurja tikkonsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha dwar l-projbizzjoni ta' wirjiet pirokniċi minn proprjetà amministrata minnha. Dan billi jinħatar kumitat teckniku.

5.5.3. Fit-tweġiba mogħtija minn Mons Galea Curmi ntqal li d-deċiżjoni ttieħdet wara konsiderazzjonijiet twal u konsultazzjoni mal-Arċiprieti u l-Kappillan kollha u ma' diversi entitajiet involuti. Intqal ukoll li din taffettwa l-parroċċi kollha, filwaqt li nnota wkoll li fil-każ tal-Mellieħa nstabet soluzzjoni alternattiva.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tweġiba.

### 5.6.1. Introduzzjoni ta' żona għall-akwakultura fit-Tramuntana ta' Malta (T/8)

5.6.2. Is-Segretarju għarraf li ġie ppubblikat *Environment Impact Assessment (EIA)*, flimkien ma' *Appropriate Assessment (AA)* dwar l-introduzzjoni ta' żona ġdida għall-akwakultura fit-tramuntana ta' Malta. L-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent tat żmien sas-6 ta' Frar 2019 sabiex isiru s-sottomissjonijiet dwaru.

5.6.3. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li jittieħed parir professjonali dwar il-kontenut tad-dokumenti sottomessi.

5.6.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-iżvilupp propost ser jippermetti li gaġeġ tat-tonn li huma qrib il-kosta, jinħarġu aktar 'il barra, u hekk tonqos il-possibiltà tat-tniġġiż tax-xtut, kif ġara fil-passat. Ġie nnutat li l-Kunsill diġa esprima l-pożizzjoni tiegħu dwar din il-materja mal-Awtorità tal-Ippjanar u mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, permezz ta' imejl datat 14 ta' Lulju 2018, wara li saret diskussjoni fis-Seduta Nru. 98 tad-9 ta' Lulju 2018.

### 5.7.1. Titjib fit-taraġ u passaġġ li jagħti minn Triq il-Marfa għal Triq Dun Franġisk Sciberras (R/2/3)

5.7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li tressaq protest ġudizzjarju fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Diċembru 2018, minn Charles Camilleri u martu Anna Camilleri u l-Perit Lawrence Montebello u martu Maria Montebello. Permezz tiegħu, l-Awtorità tal-Ippjanar intalbet tirrevoka l-permess PA 2572/15 u twaqqaf l-ipproċessar tal-applikazzjoni PA 10446/18, li t-tnejn jitrattaw ir-restawr tal-passaġġ u taraġ imsemmi hawn fuq.

5.7.3. Is-Segretarju spjega li l-allegazzjonijiet tal-protestanti huma nfondati billi x-xogħol ta' restawr li sar kien limitat għall-passaġġ pubbliku, li ilu wżat bħala tali għal għexieren ta' snin, ferm qabel akkwistaw l-art huma. Intqal ukoll li diversi snin ilu kien tqiegħed *main* tad-drenaġġ li ġie ttollerat mis-sidien.

5.7.4. Il-Kunsill tfakkar ukoll illi wara li nbeda x-xogħol, fit-28 ta' Novembru 2017, kienet saret laqgħa fuq il-post fejn Camilleri u Montebello ndikaw il-konfini tal-proprjetà rispettiva. Bla preġudizzju, il-Kunsill ma għamel xejn 'il ġewwa mill-istess konfini, sabiex jevità l-argumenti, għalkemm il-passaġġ bir-riġel tħalla. Minn dakinhar sal-lum ma sar ebda kuntatt mal-Kunsill mill-protestanti, minkejja li x-xogħol baqa' għaddej.

5.7.5. Is-Segretarju kompla jispjega li minħabba illi l-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA 2572/15) kienet tinvolvi passaġġ pubbliku, l-istess Awtorità nnotifikat lid-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà, li minn naħa tagħhom ħarġu l-permess mitlub fit-18 ta' Mejju 2016.

5.7.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-parir legali mitlub, peress li l-intenzjonijiet attwali tal-protestanti mhumiex ċari, għaliex dawn m'għamlu ebda rejazzjoni wara ħruġ tal-permess PA 2572/15, filwaqt li t-tieni applikazzjoni tinvolvi biss sanzjarnar ta'

xogħol li ma sarx eżattament kif stabbilit fil-*works method statement,* u allura ma jbiddel xejn fil-konfront tal-protestanti.

**5.8.1. Proġett "*Active Aging, Active Citizenship, Active Towns (Act)*" (P/10/31)**

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-applikazzjoni dwar il-finanzjament tal-proġett imsemmi. Hija qalet li t-talba ma' kinitx fost is-sitta approvati minn fost il-120 li ġew sottomessi.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Assemblea Ġenerali tal-EDEN (T/12/2/Vol II)**

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 21 ta' Diċembru 2018, mibgħut mill-EDEN Network Association, fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fl-avveniment imsemmi, li ser iseħħ fir-Rumanija fil-11 ta' April 2018. Hija qalet ukoll li l-EDEN nediet il-kompetizzjoni – EDEN Innovation Prize – li hija mqassam fuq tliet kategoriji separati, li huma:

a) Prattiċi tajbin dwar l-introduzzjoni ta' indikaturi rigward turiżmu sostenibbli;
b) Offerti li li jkopru xejriet ġodda fit-turiżmu LGBT; u
c) Opportunitajiet għall-ivjaġġar għall-persuni 'il fuq minn 60 sena.

5.9.3. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li l-Kunsill jipparteċipa fil-kategorija (ċ), peress li industrija tat-turiżmu fil-lokalità hija ferm orjentata lejn turiżmu tat-tielet età. Is-sottomissjonijiet jgħalqu fid-29 ta' Marzu 2019.

5.9.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.10.1. Attività tal-Karnival (A/5/5/Vol VII)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li kumpaniji li jieħdu sehem fil-Karnival nazzjonali li jsir fil-Belt Valletta jiġu mistiedna jagħtu wirjiet fil-Mellieħa bejn il-Ġimgħa l-1 u t-Tlieta 5 ta' Marzu 2019. Hija qalet li l-attività tista' isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta, iżda talab li jingħata aktar tagħrif dwar l-involviment finanzjarju marbut ma' din l-inizjattiva.

**5.11.1. Kunċert mill-Ardingly College Schola Cantorum (A/5/5/Vol VII)**

5.11.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 6 ta' Jannar 2019, mibgħut mis-Sur Richard Stafford li huwa d-direttur mużikali tal-korr imsemmi hawn fuq. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan il-korr ser ikun Malta fi Frar 2019 u d-diriġenti tiegħu talbu li jtellgħu kunċert fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb il-programm sabiex jiġi mgħoddi lill-Arċipriet meta jintalab il-permess tiegħu.

**5.12.1. Attivitajiet kulturali fis-Sajf 2019 (A/5/3/1/Vol XVI)( A/5/3/5/Vol V)**

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li Jum il-Kunsill isir nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2019, filwaqt li l-Iljieli Melleħin jiżvolġu bejn is-26 u t-28 tal-istess xahar.

5.12.3. Is-Sinjura Brincat Stellini ssuġġeriet ukoll li l-*musical* 'Naħal tal-Imħabba" jerġa' jittellgħa bħala parti mill-attivitajiet tal-Iljieli Melleħin fuq il-palk li jintrama f'Misraħ il-Parroċċa. Hija pproponiet ukoll li l-filmat tal-*musical* jintwera lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, permezz tal-*link* elettronika mogħtija mill-kompożitur.

5.12.4. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa, filwaqt li ddeċieda wkoll li l-ispejjeż tal-*musical* jittieħdu mill-vot tal-Iljieli Melleħin

**5.13.1. Proġett WiFi4EU** **(I/1/3/Vol V)**

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-proġett imsemmi li l-iskop tiegħu huwa li jitwassal is-servizz tal-internet f'lokalitajiet li mhumiex daqshekk ċentrali. Hija staqsiet dwar jekk huwiex possibbli li ssir antenna tal-wi-fi fil-kwartieri tal-iScouts fil-Fortizza tas-Salib.

5.13.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-istess għandu jsir fil-każ tad-Dar tal-Anzjani / Ġnien il-Qigħan.

5.13.4. Is-Segretarju wieġeb li din il-proposta tista' tiġi nkluża fil-proġett WiFi4EU, iżda jkun tajjeb jiġi verifikat jekk dawn il-faċilitajiet humiex eliġibbli taħt l-istess proġett, peress li dan qed jiġi ffinanzjat minn fondi Ewropej.

**5.14.1. Separazzjoni tal-iskart f'postijiet mhux urbani** **(K/6/11)**

5.14.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li fit-22 ta' Novembru 2018 kienet saret ma' delegazzjoni mill Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Caravans u Bungalows tal-Għadira, fejn dawn staqsew dwar jekk hemmx xi pjanijiet li jinvolvu l-ġbir tal-iskart b'mod separat minn dan il-post, kif isir f'żoni urbani. Huwa qal ukoll li l-istess sitwazzjoni teżisti fil-postijiet kollha fejn hemm il-kmamar ġewwa l-Aħrax. Is-Sur Azzopardi ppropona li tiġi mtennija talba sabiex issir laqgħa ma' diriġenti konċernati tal-Wasteserv bil-għan li jiġi trattat dan in-nuqqas.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u laqa' l-proposta.

**6.1. Parkeġġ parti mill-estensjoni tal-Iskola Primarja** **(S/3/1/1)**

6.2. Is-Sindku għarraf li fit-12 ta' Diċembru 2018 saret laqgħa oħra dwar is-suġġett t'hawn fuq fil-bini tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi, li attendew għaliha s-Sinjuri M. Gruppetta u N. Abela, konsulent u ċ-*Chief of Staff* fl-istess ministeru, rispettivament. Attendew wkoll, flimkien mas-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil illi f'dan l-istadju jeħtieġ li jsiru żewġ *business plans* – wieħed bil-parkeġġ limitat għal taħt l-estensjoni proposta, u ieħor ta' kapaċità akbar mifrux ukoll taħt l-istess estensjoni f'parti mill-bitħa tal-iskola. Dawn l-istudji ser jiġu ffinanzjati mill-Ministeru. Fil-laqgħa ġew identifikati negożji li possibilment ikollhom interess jinvestu wkoll fil-proġett, minħabba li l-parkeġġ jirrendi l-intrapiżi tagħhom aktar kompettivi.

6.3. Is-Segretarju għarraf li ntalab rendikont dwar l-andament tal-kontribuzzjonijiet li daħlu fil-Fond tal-Ippjanar fl-aħħar snin, sabiex jiġi evalwat jekk il-fondi ġġenerati jkunux biżżejjed biex jiffinanzjaw is-self mill-Malta Development Bank.

6.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li f'dan l-istadju jkun għaqli jekk il-Kunsill jikseb konsulenza apparti dwar il-vijabilità tal-proġett. F'każ li jirriżulta li l-proġett huwa vijabbli, jkun meħtieġ li jitfassal mudell finanzjarju.

6.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku skont il-minuta 6.4 aktar 'il fuq.

**7.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2018** **(A/5/3/8)**

7.2. Is-Segretarju talab li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett tiġi posposta għas-seduta li jmiss minħabba raġunijiet tekniċi li jirriżultat mill-programm tas-*software* użat għaż-żamma tal-kontijiet.

**8.1. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill 2019** **(F/1/30)**

8.2. Is-Segretarju ressaq rendikont dwar id-dħul u l-infieq previst għas-sena finanzjarja 2018. Ressaq ukoll abbozz ta' dħul previst għall-2019, kontra l-estimi li jinkludu l-proġetti u inizjattivi maqbula mill-Kunsill fis-seduta preċedenti.

8.3. Il-Kunsill iddiskuta l-estimi fid-dettal u qabel li għandu jsir tibdil fl-abbozz imressaq skont kif jidher hawn taħt:

| Vot Nru. | Raġuni għat-tibdil |
|---|---|
| 2960 | Fil-vot tal-**Pubblikazzjonijiet** għandu jidħol l-istampar tal-ktieb ta' Paul P. Borg – *Naħal tal-Imħabba*. Għaldaqstant għandu jkun hemm allokazzjoni ta' €2,000 għal din l-inizjattiva. |
| 3380 | Fil-vot tas-Servizzi Komunitarji l-allokazzjoni għall-*Animal Welfare* għandha tiżdied għal €3,000.. |
| 3370 | Għalkemm il-Kunsill ma kienx speċifiku dwar liema allokazzjonijiet taħt il-vot tal-**Attivitajiet Kulturali** għandhom jiżdiedu, qabel li dan jitla' għal €96,000, kif kien fl-2018. |
| 7220 | Dan il-vot għandu jinkludi fiħ allokazzjoni ta' €45,000 sabiex tiffinanzja l-installazzjoni ta' **dwal** ornamentali fi Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl u l-parti t'isfel nett ta' Triq il-Kappillan Magri. |
| 7312 | Il-vot dwar is-Sistema ta' Sigurtà għandu jkun fil-livell ta' €8,000 biex jagħmel tajjeb għall-installazzjoni ta' sistemi ta' CCTV fi Ġnien tas-Salib, Ġnien Dun Anton Debono u fil-Park tal-Familja. |

8.4. Huwa qal li dawn l-abbozzi saru *on a cash basis* u għalhekk issa jeħtieġ li jiġu mgħoddija lill-*accountant* sabiex jitħejjew abbażi ta' *accruals.* B'hekk jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra bħalma huwa d-deprezzament fuq l-assi permanenti, il-valur tal-i*stocks*, *short* u *long term liabilities*, eċċ.

8.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru żewġ laqgħat tal-lokalità – waħda fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fl-14, u oħra fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata fis-17 ta' Jannar 2019 fis-6:30 pm.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 4 ta' Jannar 2019.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.5. Tressqet ukoll, skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-11 ta' Diċembru u l-4 ta' Jannar 2019.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:15 pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar 2019 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**